MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 231/2011

Il-Pulizija
Vs
Clement Gauci
Sergio Gauci
Anthony Sammut

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` kummercjali 'Krea (Malta) Limited' (C30172), b' indirizz registrat Krea Showroom, 1-4, Mdina Road, Qormi, Malta, u/jew bhala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess socjeta` kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-vacation leave dovut ghall-perjodi ta' bejn l-01 ta' Jannar, 2011 u l-10 ta' Jannar, 2011, ammontanti ghal €143.72, ghamlu tnaqqis mill-paga minghajr il-permess kif mitlub mil-ligi, ghal-perjodu bejn l-01 ta' Marzu, 2010 u l-31 ta'

Awissu, 2010, ammontanti ghal €355.80 li b'kollox jammontaw ghal erba` mija, disgha u disghin Euro tnejn u hamsin centezmi (€499.52) u li kienu dovuti lill-ex-impjegata tas-socjeta` kummercjali hawn fuq imsemmija, u cioe` lil Ivana Salerno, fl-10 ta' Jannar, 2011, meta l-impieg taghha gie terminat.

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolamenti 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex ihallsu l-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil Ivana Salerno l-ammont ta' erba` mija, disgha u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu ghar-ragunijiet fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 8 u 22 tal-Avviz Legali 247/2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427/2007, sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom izda peress illi rrizulta li saret transazzjoni bejn l-imputati u l-ex-impjegata Ivana Salerno wara li giet intavolata l-imputazzjoni odjerna ikkundannathom canfira u twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Sammut minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2011 fejn talab lil Qorti biex:

1. Fl-ewwel lok, tibghat il-kwistjonijiet rigwardanti l-ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' l-appellanti sanciti fl-artikoli 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 39(6)(c) u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u dana ai termini ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. fit-tieni lok, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Maggur John Chalker) v. Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut", deciza nhar is-17 ta' Mejju, 2011, u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clement Gauci u Sergio Gauci minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2011 fejn talab lil Qorti biex:

3. Fl-ewwel lok, tibghat il-kwistjonijiet rigwardanti l-ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' l-appellanti sanciti fl-artikoli 39(6)(c) u l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dwar l-artikolu 6(3)(c) u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-lgii Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u dana ai termini ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta; u

4. fit-tieni lok, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Maggur John Chalker) v. Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut", deciza nhar is-17 ta' Mejju, 2011, u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Anthony Sammut, huma s-segwenti w cioe':-

1. fl-ewwel lok, is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla peress illi l-proceduri tmexxew u s-sentenza inghatat fl-assenza ta' l-appellanti kif jidher mill-istess verbal tas-seduta quddiem dik il-Qorti;

Huwa maghruf illi proceduri gudizzjarji ta’ natura penali u s-sentenza relattiva ma jistghux jinghaw in absentia u dana anke ghaliex imputat ghandu kull dritt ghad-difiza tieghu. L-appellanti kien assenti mhux b’kapricc izda ghaliex kien imsiefer u ghalhekk qieghed jigi ezebit il-biljett ta’ l-ajru flimkien ma dan ir-rikors ta’ l-appell. Di piú il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jilledu d-drittijiet fundamentali ta’ l-appellanti kif ser jigi spjegat fl-aggravju illi jmiss;

2. fit-tieni lok, peress illi l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti tmexxew u is-sentenza inghatat fl-assenza ta’ l-appellanti gie lez id-dritt fundamentali ta’ l-appellanti sancit fl-artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta peress illi l-istess procedure ma setghux jinzammu u jitmexxew fl-assenza ta’ l-appellanti. Ghalhekk ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali hija nulla u bla effett;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali effettivament cahhdet lill-appellant mid-dritt tieghu illi jkollu rapprezentatnt legali prezenti kif ukoll peress illi dik il-Qorti naqset milli tosserva d-dmir impost fuqha mill-artikolu 519 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u senjatament illi tiehu hsieb illi tipprovdi difiza gusta ta’ l-imputat;

A skans ta’ ripetizzjoni, l-appellanti jaghmel pjena referenza ghal dak kollu sottomess mill-imputati Clement Gauci u Sergio Gauci fir-rikors ta’ l-appell taghhom ipprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors ta’ l-appell odjern;

4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa del resto dritt fundamentali tal-bniedem sancit mill-artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta illi

kull min ikun akkuzat b' reat kriminali ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali u ghaldaqstant inkwantu l-procedura adottatta mill-Ewwel Qorti u s-sentenza illi inghatat jilledu dan id-dritt, tali sentenza hija wahda nulla;

Illi ghalhekk ir-raba' aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija palezament leziva tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hawn fuq imsemmija;

5. Fil-hames lok, u ghal dak illi jirrigwarda prettament il-mertu ta' l-akkuzi migjuba kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-appellanti jirrileva illi anke kieku – ghal grazzja ta' l-argument u ghal grazzja ta' l-argument biss – kellu jinghad illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tichad l-ewwel erba` aggravji ta' l-appellanti, xorta wahda jibqa` l-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-appellanti hati u nfliggiet piena – ghalkemm dik minima – fl-assensa assoluta ta' provi li jsostnu l-akkuzi. Jinghad fl-ewwel lok illi l-prosekuzzjoni u d-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali ma gabu ebda prova dokumentarja jew xhieda illi ssostni l-akkuzi. Il-parti allegatament leza – Ivana Salerno – lanqas biss telghet il-Qorti u ghal dak li jaf l-appellanti taf lanqas biss giet debitament ingunta peress ill ill-prosekuzjoni ma esebiet ebda referta taghha. F' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kellhiex triq ohra hlief illi tillibera lill-appellanti mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u dana anke jekk ma jixhdux u anke minghajr il-prezenza ta' l-avukat difensur taghhom.

Sfortunatament il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali appena giet infurmata mid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali illi saret transazzjoni bejn il-partijiet iddecidiet il-kawza billi tat piena ta' twiddiba u canfira. Bir-rispett kollu dovut, il-prosekuzjoni kellha l-oneru illi ggib l-ahjar prova in sostenn ta' l-akkuzi dedotti. Kellha l-oneru illi tipproduci lill-

parti allegatament leza sabiex tispjega l-ilment taghha (dejjem jekk kienet ghadha qeghda tinsisti fuq l-istess) u kellhaq wkoll tipproduci rapprezentant ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji biex ta' lanqas jikkonferma li l-appellanti kien tabilhaqq kif imharrek, rapprezentanti tal-kumannija Krea (Malta) Limited. Xejn minn dan ma sar. Is-semplici "informazzjoni" illi pprovdiet il-prosekuzjoni mhijiex prova u dana ghaliex la hija ikkonfermata bil-gurament u lanqas illi kieku stess kienet ikkonfermata bil-gurament xorta wahda ma hijiex prova ta' htija u ta' l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti;

L-appellanti lanqas ammetta l-akkzuzi migjuba kontra tieghu, anke in vista tal-fatt illi kien assenti, u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief illi tilliberah;

Fic-cirkostanzi ghalhekk huwa aktar milli evidenti illi bil-procedura adottata mill-Ewwel Qorti u bis-sentenza moghtija minnha hija llediet ukoll jedd fundamentali iehor ta' l-appellanti u dwar din il-lezjoni l-appellanti ser jaghmel s-sottomissjonijiet taghhom fl-aggravju li jmiss;

6. Fis-sitt lok, l-appellanti umilment jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illediet il-jedd fundamentali tieghu sancit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi huwa ma tqiesx innocenti sakemm jigi ippruvat hati. Ghal kuntrarju, jidher illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali erronjament assumiet illi huwa hati – anke fin-nuqqas ta' provi u jew ammissjoni – fuq semplici "informazzjoni" moghtija mill-prosekuzjoni illi saret transazzjoni;

Ladarba l-imputati ma ammettewx l-akkuzi dedotti kontra taghhom, huma kellhom jigu prezunti innocenti sakemm tingab prova kuntrarja. Tali prova ma ngabitx. Peró jidher illi l-Ewwel Qorti assumiet illi huma hatja bi ksur tal-jedd fundamentali imsemmi fil-paragrafu precedenti;

Ghalhekk ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha tigi annullata;

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Clement Gauci u Sergio Gauci, huma s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok, is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla peress illi dik il-Qorti effettivament cahhdet lill-appellant mid-dritt taghhom illi jkollhom rapprezentatnt legali prezenti kif ukoll peress illi dik il-Qorti naqset milli tosserva d-dmir impost fuqha mill-artikolu 519 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament illi tiehu hsieb illi tipprovdi difiza gusta ta' l-imputat;

L-artikolu 519 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi, inter alia, illi hu dmir tal-Qrati tal-Gusitizzja Kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputat jew l-akkuzati. Kif, inghad, effettivament, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali naqset milli tosserva dan id-dmir u cahhdet ukoll lill-appellanti mid-dritt taghhom ghal rapprezentanza legali. Dana peress illi, minkejja illi l-Qorti giet debitament avzata, kemm mill-appellanti kif ukoll mir-rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali, illi l-appellanti kellhom avukat u riedu lid an ikun prezenti, dik il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex taghti gudizzju kontra taghhom – haga illi hija certament inawdita. Il-kawza setghet facilment tigi posposta ghaliex meta r-rapprezentant legali sottoskritt rega' dahal fl-awla s-seduta relattiva kienet ghada ghaddejja;

L-appellanti jghamlu referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Brian Fenech</u> deciza nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Illi l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li "*hu dmir tal-qrati tal-gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputatii jew akkuzati*".

Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruhha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Kif gie deciz fl-Appell Kriminali: “Il-Pulizija vs. Bernard Grech” [23.9.1998]. (per V. De Gaetano J.) “*… l-imputat kien qiegh3ed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddiferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f’kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku l-ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarjiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza – li wara kollox hija wahda sommarja – dik il-gurnata stess, wara li naturalment, taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan, u minflok ghaddiet minnufih biex tippronunzja s-sentenza. B’ hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza, u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le, hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Gunju, 1998, fil-kawza fl-ismijiet “il-Pulizija v Michelina Apap” Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta’ l-ewwel sentenza.”*

[…]

Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mal-Ewwel Qorti li ovvjament kienet that pressjoni konsiderevoli ta’ xoghol u riedet twettaq il-programm ta’ xoghol taghha f’ dik is-seduta w tapprezza wkoll li l-Qrati ta’ sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta’ xoghol frustrati bin-nuqqas ta’ attendenza puntwali ta’ imputati, xhieda jew avukati. Pero` fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citataa, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kien qed jinsisti ghall-avukat tieghu, l-Ewwl Qorti suppost li jew ipposponiet ghal ftit tal-hin jew appuntat lill-appellant difensur iehor hi stess. Peress lid an ma sarx, din il-Qorti m’ghandiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.”

Dan l-insenjament ghandu jghodd ghall-kaz odjern billi – fost affarjiet ohra – l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali giet debitament avzata mhux biss mill-appellanti izda sahansitra mill-prosekuzjoni illi lriedu jkunu assistiti u gjá inkarigaw avukat li kien prezenti fl-awla u illarga ghal ftit mumenti;

2. Fit-tieni lok, huwa del resto dritt fundamental ital-bniedem sancit mill-artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta illi kull min ikun akkuzat b' reat kriminali ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali u ghaldaqstant inkwantu l-procedura adottatta mill-Ewwel Qorti u s-sentenza illi inghatat jilledu dan id-dritt, tali sentenza hija wahda nulla;

Illi ghalhekk ir-raba' aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija palezament leziva tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hawn fuq imsemmija;

3. Fit-tielet lok, u ghal dak illi jirrigwarda prettament il-mertu ta' l-akkuzi migjuba kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-appellanti jirrileva illi anke kieku – ghal grazzja ta' l-argument u ghal grazzja ta' l-argument biss – kellu jinghad illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tichad l-ewwel erba` aggravji ta' l-appellanti, xorta wahda jibqa` l-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-appellanti hati u nfliggiet piena – ghalkemm dik minima – fl-assensa assoluta ta' provi li jsostnu l-akkuzi. Jinghad fl-ewwel lok illi l-prosekuzzjoni u d-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali ma gabu ebda prova dokumentarja jew xhieda illi ssostni l-akkuzi. Il-parti allegatament leza – Ivana Salerno – lanqas biss telghet il-Qorti u ghal dak li jaf l-appellanti taf lanqas biss giet debitament ingunta peress ill ill-prosekuzjoni ma esebiet ebda referta taghha. F' dawn ic-cirkostanzi, il-

Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma kellhiex triq ohra hlief illi tillibera lill-appellanti mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u dana anke jekk ma jixhdux u anke minghajr il-prezenza ta’ l-avukat difensur taghhom.

Sfortunatament il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali appena giet infurmata mid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali illi saret transazzjoni bejn il-partijiet iddecidiet il-kawza billi tat piena ta’ twiddiba u canfira. Bir-rispett kollu dovut, il-prosekuzjoni kellha l-oneru illi ggib l-ahjar prova in sostenn ta’ l-akkuzi dedotti. Kellha l-oneru illi tipproduci lill-parti allegatament leza sabiex tispjega l-ilment taghha (dejjem jekk kienet ghadha qeghda tinsisti fuq l-istess) u kellhaq wkoll tipproduci rapprezentant ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar Servizzi Finanzjarji biex ta’ lanqas jikkonferma li l-appellanti kien tabilhaqq kif imharrek, rapprezentanti tal-kumannija Krea (Malta) Limited. Xejn minn dan ma sar. Is-semplici “informazzjoni” illi pprovdiet il-prosekuzjoni mhijiex prova u dana ghaliex la hija ikkonfermata bil-gurament u lanqas illi kieku stess kienet ikkonfermata bil-gurament xorta wahda ma hijiex prova ta’ htija u ta’ l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti;

L-appellanti lanqas ammetta l-akkzuzi migjuba kontra tieghu, anke in vista tal-fatt illi kien assenti, u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief illi tilliberah;

Fic-cirkostanzi ghalhekk huwa aktar milli evidenti illi bil-procedura adottata mill-Ewwel Qorti u bis-sentenza moghtija minnha hija llediet ukoll jedd fundamentali iehor ta’ l-appellanti u dwar din il-lezjoni l-appellanti ser jaghmel s-sottomissjonijiet taghhom fl-aggravju li jmiss;

4. Fir-raba` lok, l-appellanti umilment jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali illediet il-jedd fundamentali tieghu sancit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana billi

huwa ma tqiesx innocenti sakemm jigi ippruvat hati. Ghal kuntrarju, jidher illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali erronjament assumiet illi huwa hati – anke fin-nuqqs ta’ provi u jew ammissjoni – fuq semplici “informazzjoni” moghtija mill-prosekuzjoni illi saret transazzjoni;

Ladarba l-imputati ma ammettewx l-akkuzi dedotti kontra taghhom, huma kellhom jigu prezunti innocenti sakemm tingab prova kuntrarja. Tali prova ma ngabitx. Peró jidher illi l-Ewwel Qorti assumiet illi huma hatja bi ksur tal-jedd fundamentali imsemmi fil-paragrafu precedenti;

Ghalhekk ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghandha tigi annullata;

Ikkunsidrat

**L-appell tal-appellant Anthony Sammut**

Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel ir-rikors tal-appell ta’ Anthony Sammut

L-ewwelnett il-fatti li jirriżultaw mill-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2011 huma dawn:

‘Meta ssejħet il-kawża deher l-Uffiċjal Prosekutur il-Maġġur John Chalker u rappreżentant tad-Dipartiment Dr Joseph Attard.

Dehru l-imputati Clement Gauci u Sergio Gauci.

Id-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali nforma lill-Qorti li saret tranżazzjoni bejn il-partijjiet.

Il-Kawża deċiża.    R&A.’

Skont ir-rikors tal-appell ir-rikorrent Anthony Sammut kien imsiefer u bagħat flimkien mar-rappreżentant legali tiegħu

kopja tal-biljett tal-ajru. Il-kawża ssejħet fl-assenza tal-avukt tal-imputat/i (appellant/i). L-imputati/L-appellanti l-oħra infurmaw lill-Qorti li kellhom bżonn l-assitenza legali. Ma nstemgħu ebda provi u l-Qorti ddeċidiet il-kawża. L-appellanti l-oħrajn m'għamlu ebda ammissjoni.

L-appellant Mark Anthony Sammut ma kienx preżenti u konsegwentement żgur li m'għamel ebda ammissjoni.

**Effett Legali tal-assenza tal-appellant waqt l-għoti tas-sentenza**

L-assenza ta' imputat fil-jum li tingħata s-sentenza bħala konsegwenza ġġib l-ineżistenza totali tas-sentenza.

Hekk qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Mejju 1997 fil-ismijiet 'Il-Pulizija versus Carmelina Braddick Southgate ( Vol.LXXXI Part IV 1997 paġina 178):

'Skont ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-assenza tal-imputat jew tal-akkużat mill-Qorti fil-ġurnata li tingħata s-sentenza, ħlief fil-każ meta jkun applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 374 (b)[1] u 524, iġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza. Dan il-prinċipju japplika biss meta jkun hemm 'smigħ' tal-kawża u mhux meta l-imputat qatt ma jkun deher. Altrimenti jkun ifisser li l-Qorti tkun tista' tiddeċiedi l-kawża u tillibera jew issib ħtija mingħajr

[1]Dan l-artikolu jgħid hekk: '(b) fil-każijiet ta' kontravenzjoni, il-qorti tista', għal raġuni tajba, teħles lil kull waħda mill-partijiet milli tidher hija nfisha u tippermetti minflok li jidhru r-raġel jw il-mara jew qarib, mid-demm jew bi żwieġ, ta' dik il-parti, inkella persuna oħra li taħt il-ħsieb tagħha tkun dik il-parti jew li tkun inkarigata minnha bil-mitkub. L-imputazzjoni odjerna mhix kontravenzjoni iżda reat għaliex għaliha hemm ikkontemplata multa – ara artikolu 45 tal-Kap 452 li jikkontempla multa ta' bejn 232.94 u 2329.37 Euros. Ara wkoll: Professor Anthony Mamo: Notes on Criminal Law (Part 1) paġina 16 fejn jikkowta l-każ Francesco Azzopardi P.L. versus Enrico Mizzi :

'Il criterio pratico indicato della dottrina e seguita nella giurisprudenza, si locale che estera, per distinguere i delitti dalle contravvenzioni, e' appunto la qualita' della pena comminata per i vari titoli di reato.'

ma tagħti liż-żewġ partijiet fil-kawża l-opportunita’ li jippreżentaw il-każ tagħhom.

F’din is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali osservat li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx l-opportunita’ lill-prosekuzzjoni li ġġib il-prova tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 693(1)(2) tal-Kap 9 kien żball.’

*Għalhekk il-Qorti, fid-dawl ta’ dak li seħħ u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar l-effetti tal-assenza tal-imputat waqt il-qari tas-sentenza qed tiddikjara s-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut’* ***f’dan l-istadju*** *bħala nulla fil-konfront ta’ Anthony Sammut.* [2]

**L-aggravji ta’ Anthony Sammut**

L-ewwel aggravju, dwar li ngħatat is-sentenza fl-assenza tal-appellant, qed jiġi milqugħ b’eċċezzjoni tal-aħħar sentenza tiegħu minn ‘Di piu’..........aggravju li jmiss’ u qed tipprovdi dwaru kif għamlet fil-paragrafu preċedenti.

It-tieni aggravju jirreferi għall-aritkolu 39(6) dwar li l-proċeduri għandhom jitmexxew fil-preżenza tal-imputat. Dwar dan l-aggravju, l-Qorti diġa’ pprovdiet fl-ewwel aggravju għaliex il-Kodiċi Kriminali stess jipprovdi dwar dan.

It-tielet aggravju huwa dwar l-assistenza ta’ avukat ai termini tal-artikolu 519 tal-Kap 9. Hawn l-appellant għamel referenza għall-każ ‘Il-Pulizija vs Brian Fenech’ tat-30 ta’ Ġunju 2004 fejn il-Qorti kienet iddeċidiet li tannulla s-sentenza minħabba dan in-nuqqas. Din il-Qorti qed tilqa’ dan l-aggravju u qed tipprovdi kif jidher fil-paragrafu fil-korsiv.

---

[2] Ara wkoll: Il-Pulizija versus Gerald Abdilla tal-5 ta’ Ġunju 1996, sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Dr Vincent Degaetano fejn intqal hekk: ‘ Ir-rapprezentanza fil-kamp kriminali hi fakolta' moghtija biss fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet u mhux ukoll fil-kaz ta' delitti. L-assenza ta' l-imputat meta tinghata sentenza, iggib bhala konsegwenza, l-inezistenza totali, kemm tas-sentenza appellata, kif ukoll tas-smigh tal-kawza li ppreceda u ddetermina dik is-sentenza.’

Ir-raba’ (id-dritt li l-imputat jiddefendi ruħu), il-ħames u s-sitt aggravju (il-preżunzjoni tal-

innċoċenza) huma wieħed ta’ natura Kostituzzjonali u ser tipprovdi dwar dan kif ġej. Dwar dak li hu assenza ta’ provi, ġaladarba l-Qorti ddeċidiet kif jidher fil-paragrafu fil-korsiv, diġa’ ddisponiet mill-ħames aggravju.

Dak li nsibu fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa rifless fil-Kap 9. L-artikoli tal-Kap 9 għandhom ukoll ġurisprudenza kostanti warajhom.

Illum huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili meta din tkun qed tiddeċiedi rikors ta’ natura Kostituzzjonali li qabel ma wieħed jadixxi il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, l-ewwel wieħed għandu juża r-rimedju ordinarju. Dan il-prinċipju prattikament ma ċċaqlaqx mill-każ ‘Vincent Spiteri vs L-Onor.Prim Ministru et’ tal- 31 t’Awwissu 1977 fejn intqal hekk:

*‘Il-Kostituzzjoni fil-proviso tal-artikolu 46(2) hi raġonevolment konċernata bid-disponibilita’ ta’ mezzi adegwati ta’ ‘redress’ mingħajr ma rraġonevolment tesiġi garnazija assoluta ta’ suċċess f’kull każ partikolari, liema suċċess wisq naturalment jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha ta’ kull każ.’*

F’dik il-kawża l-Prim’Awla kienet ċaħdet ir-rimedju Kostituzzjonali propju għaliex ir-rikorrent kien naqas li jeżerċita d-dritt tiegħu ta’ appell skont l-artikolu 508D tal-Kap 9 li:

‘jippermetti appella lill-ogħla Qorti Kirminali ta’ Malta ‘inter alia’

*‘because of an irregularity during the proceedings which could have had a bearing on the verdict.’*

F’dan il-każ l-appellant qed jeżerċita d-dritt li għandu li juża r-rimedju ordinarju billi għamel rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri).

Konsegwentement il-Qorti qed tipprovdi kif ġej dwar it-talbiet tal-appellant:

1. Qed tiċħad it-talba għal referenza lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għaliex f’dan il-mument l-appellant korrettement għażel ir-rimedju ordinarju tal-appell u għalhekk it-talba biex l-atti jmorru quddiem il-Prim’Awla hija waħda frivola u vessatorja.

2. Dwar it-tieni talba l-Qorti qed tilqa’ l-ewwel parti minnha biss – jiġifieri, kif diġa’ għamlet, qed tirrevoka s-sentenza tas-17 ta’ Mejju, 2011 u tiddikjarha bħala nulla sa fejn din tolqot lill-appellant Anthony Sammut iżda mhix tilqa’ dik il-parti tat-talba fejn l-appellant talab li jkun liberat minn kull imputazzjoni u ħtija. Meta sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura tkun annullata, ma jfissirx li awtomatikament il-Qorti għandha tillibera. Għalhekk, minflok, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, qed tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali biex il-każ jinstema’ mill-ġdid u b’hekk qed ikun ippreservat id-dritt tad-‘doppio esame’.

**L-appell tal-appellanti Clement Gauci u Sergio Gauci.**

Ikkonsidrat

Il-fatti huma dawk li jidhru a fol 3 tal-proċess u li diġa’ ġwew deskritti aktar ‘il fuq. F’dan il-każ id-differenza mill-ewwel appell huwa li dawn l-appellanti kienu preżenti. Dawn m’għamlu ebda ammissjoni u talbu li jkunu assistiti mill-avukat tagħhom. Fil-ħin tas-sentenza, l-avukat tagħhom kien jinsab jaqdi d-dmiritijiet tiegħu quddiem Qorti oħra.

Effettivament l-appellanti kienu preżenti qabel il-ħin ma tibda s-seduta u, skont ir-rikors promotorju, huma insistew li jkollhom l-assitenza tal-avukat.

L-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza ‘Il-Pulizija v Brian Fenech’ tat-30 ta’ Ġunju 2004 li tagħmel cross-reference għal sentenza oħra ‘Il-Pulizija vs Bernard Grech’ tat-23 ta’ Settembru, 1998. F’din it-tieni sentenza, l-Qorti kienet rreferiet għall-fatt li l-imputat kien qiegħed **impliċitament** jitlob assistenza legali. F’dan il-każ l-appellanti kienu **espliċitament** qed jitolbu li jkollhom l-assistenza legali.

Il-Qorti tifhem li l-Ewwel Onorabbli Qorti jkollha volum kbir ta’ xogħol xi twettaq u mhux faċli li tleħħaq mal-pressjonijiet. Iżda din il-Qorti f’dawn iċ-ċirkostanzi bilfors ikollha tannulla s–sentenza mogħtija fis-17 ta’ Mejju 2011 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija verus Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut’ u f’dan l-istadju għalhekk il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza kollha kemm hi u mhux fil-konfront ta’ Anthony Sammut kif għamlet aktar ‘il fuq meta kienet qed teżamina r-rikors ta’ Anthony Sammut.

**L-aggravji tal-appellanti Clement Gauci u Sergio Gauci**

L-ewwel aggravju huwa dwar in-nuqqas ta’ rappreżentanza legali. Il-Qorti qed tilqa’ dan l-aggravju u diġa’ pprovdiet għalih fil-paragrafu preċedenti.

It-tieni aggravju huwa wkoll dwar in-nuqqas ta’ assistenza legali fid-dawl tal-artikolu 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Dritt tal-Bniedem. Dwar dan l-aggravju, il-Qorti diġa’ pprovdiet taħt l-ewwel aggravju.

It-tielet aggravju huwa dwar allegat ksur tad-Dritt Fondamentali tagħhom li pero’ jagħmlu referenza għalih fir-raba’ aggravju. Dwar in-nuqqas ta’ provi, peress li l-Qorti diġa’ pprovdiet meta ddikjarat is-sentenza nulla, m’hemmx bżonn li tagħmel pronunzjament ulterjuri.

Ir-raba’ aggravju (li jagħqad mat-tielet aggravju) huwa l-allegat ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza skont il-

Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dawn l-aħħar żewġ aggravji huma ta' indoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet aktar 'il fuq hija u teżamina r-rikors ta' Anthony Sammut fl-erba' paragrafi li jibdew minn: 'Dak li nsibu fl-artikolu 39.......sal-paragrafu kollu li jibda 'F'dan il-każ.....'

**Konklużjoni dwar l-appell ta' Clement Gauci u Sergio Gauci**

Konsegwentement il-Qorti qed tipprovdi kif ġej dwar it-talbiet tal-appellanti Clement Gauci u Sergio Gauci:

1. Qed tiċħad it-talba taż-żewġ appellant għal referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex f'dan il-mument l-appellanti **korrettement** għażlu ir-rimedju ordinarju tal-appell u għalhekk it-talba biex l-atti jmorru quddiem il-Prim'Awla hija waħda frivola u vessatorja.

2. Dwar it-tieni talba l-Qorti qed tilqa' l-ewwel parti minnha biss – jiġifieri, kif diġa' għamlet, qed tirrevoka s-sentenza tas-17 ta' Mejju, 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut' u tiddikjarha bħala nulla sa fejn din tolqot lill-appellanti kollha iżda mhix tilqa' dik il-parti tat-talba fejn l-appellant talbu li jkunu liberati minn kull imputazzjoni u ħtija. Meta sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura tkun annullata, ma jfissirx li awtomatikament il-Qorti għandha tillibera. Għalhekk, minflok, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, qed tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-każ jinstema' mill-ġdid u b'hekk qed ikun ippreservat id-dritt tad-'doppio esame'.

Il-Konklużjoni dwar l-appell li intavola Anthony Sammut hija dik li ngħata aktar 'il fuq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------